# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tad-29 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru 2016 fis-6.00p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Josmar Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

**29/01** **Talba**

**29/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.00 p.m. billi ntqalet it-talba.

**29/02** Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Kurt Guillaumier li serva bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv għal dawn l-aħħar sentejn filwaqt li feraħ lis-Sinj. Maria Tanti għal kariga ġdida bħala Segretarju Eżekuttiv.

**29/03 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 28**

**29/03/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti u ffirmati kemm mis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll mill-eks-Segretarju Eżekuttiv peress li l-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid waslet l-għada tal-aħħar laqgħa imma kienet datata nhar it-23 ta' Settembru 2016. Kemm is-Sinj. Maria Tanti kif ukoll is-Sur Kurt Guillaumier kienu preżenti waqt l-aħħar laqgħa.

**29/04** **Punti mtella' mill-Minuti 28**

**29/04/01** **Para 28/03/01:** Is-Sindku għamel kuntatt mas-Sur Pio Farrugia rigward fondi tal-PPP u tah kelma li ħa jitħalsu sal-aħħar tas-sena.

**29/04/02** **Para 28/03/03:** Il-Kunsill qabel li jsir single yellow line f'parti minn Triq l-Isqof Gargallo.

**29/04/03** **Para 28/03/04:** It-talba għal verifika mal-awtoritajiet rigward iċ-cnut mal-għelieqi ntbagħtet imma għadna ma rċevejniex risposta.

**29/04/04** **Para 28/03/05:** Għandha ssir laqgħa mal-Accountant tal-Kunsill rigward id-dokumenti li bagħtilna fuq l-issues li ssemmew fil-management letter.

**29/04/05** **Para 28/03/06:** Is-Sindku ltaqa' mal-Avukat tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru rigward il-kiosks tal-festa. L-avukat ghandu itina direzzjoni iktar il-quddiem.

**29/04/06** **Para 28/03/07:** Ix-xogħol fi Sqaq il-Ħofra prattikament lest.Dan wara li giet imhaffra giebja fi Sqaq il-Hofra biex tilqa l-ilma li jkun gej minn Triq San Gwann.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**29/04/07** **Para 28/03/08:** Is-Sindku kellem lil Foreman rigward ix-xogħol ta' patching fi Triq Santa Katerina. Ix-xoghol ghadu pendenti

**29/04/08** **Para 28/03/09:** Il-Perit tal-Kunsill mar fuq il-post u ssuġġerixxa li għalissa aħjar jibqa' kollox kif inhu.

**29/04/09** **Para 28/03/10:** Il-Kunsill ħa jerġa' jfakkar lil kuntrattur sabiex iwaħħal il-bozoz ħalli immedjatament wara nibagħtu l-applikazzjoni.

**29/04/10** **Para 28/03/11:** Is-single line matul it-Triq l-Oratorju sar.

**29/04/11** **Para 28/03/14:** Is-Sur Christopher Fenech ikkonferma li ix-xogħol ta' manutenzjoni ħa jsir mill-ħaddiema tal-RSS.

**29/04/12** **Para 28/04/03:** Din is-sena l-attività tal-Milied fil-Pjazza ħa ssir filgħodu.

**29/04/13** **Para 28/04/04:** Is-Sindku għandu jibgħat l-messaġġ tiegħu li ħa jidher fil-fuljett lill-Kunsilliera.

**29/04/14** **Para 28/04/05:** Kien hemm qbil li l-junction box fil-Bypass ta' Birguma ssir mis-Sur Mario Mallia peress li ma saritx min-naħa ta' TM.

**29/04/15** **Para 28/05/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekkja t-tender sabiex tara l-passaġġ fi Sqaq il-Ħofra hux elenkat qabel jitneħħa l-bajtar tax-xewk minnu.

**29/04/16** **Para 28/05/02:** Ir-residenti ta' Triq l-Indipendenza ma qablux ma' talba għaldaqstant kollox ħa jibqa' kollox l-istess.

**29/04/17** **Para 28/05/03:** Il-Kunsill ħa jiċċekkja mal-Enemalta Corporation jekk tistax issir bozza ġdida fi Sqaq il-Ħofra.

**29/04/18** **Para 28/05/04:** Saret talba lil TM għal crash barrier fi Triq Santa Katerina.

**29/04/19** **Para 28/05/06:** Kien hemm qbil li jsir yellow line fi Triq Ferdinand k/m Triq il-Ġnien.

**29/04/20** **Para 28/05/07:** Il-plakkek bl-ismijiet tat-toroq saru.

**29/04/20** **Para 28/05/08:** It-tabelli ta' "No Heavy Vehicles" kif ukoll it-tabella tal-Priority ordnati imma għadhom ma waslux.

**29/04/21** **Para 28/06/06:** Għandha tintbagħat reminder lis-Sur Mario Mallia fuq it-3 tabelli "No Smoking".

**29/04/22** **Para 28/06/08:** Il-Kunsill bgħat iktar minn reminder wieħed lil TM fuq ir-resurfacing ta' parti mit-Triq l-Indipendenza.

**29/05** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**29/05/01** Is-Sindku ressaq rapport rigward il-proposta li l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja ta' Ħal Għargħur tiġi devoluta lill-Kunsill sabiex tintuża bħala Librerija. Kien hemm qbil fuq dan.

**29/05/02** Il-Kunsill unanimament qabel li l-interviews għall-post ta' Uffiċjal Eżekuttiv (back-to-back) isiru nhar it-Tlieta, l-1 ta' Novembru fit-3:30 p.m. Il-Kunsill ħatar Bord tal-Għażla li ser ikun kompost

mis-Sindku s-Sur Ġiljan Aquilina, il-Kunsillier is-Sur Carl Grech u mis-Segretarju Eżekuttiv li ser tkun is-Segretarja tal-Bord.

**29/05/03** Ġie deċiż li l-Ikla tal-Milied issir fis-7 ta' Diċembru 2016 fil-Lukanda Hilton jekk le ġewwa The Westin Dragonara Resort.

**29/05/04** Il-kors tal-Ingliż tal-*Life Lifelong Learning* ġewwa s-Sala tal-Komunità beda.

**29/05/05** Kien hemm qbil fuq kif ġew ifformulati l-Kundizzjonijiet Speċifiċi ta' Tender tal-Knis.

**29/05/06** Din is-sena l-Għaqda tal-Armar ħa jarmaw Triq l-Oratorju bid-dawl dekorattiv tal-Milied. Il-Kunsill unanimament qabel li joħroġ €200 bħala kontribuzzjoni.

**29/05/07** Ġie deċiż li t-tiżjin tal-Milied bid-dawl dekorattiv isir mis-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew. Il-Kunsillier Christopher Fenech żied jgħid li l-Pjazza għandha tkun imdawla iktar mis-sena l-oħra.

**29/05/08** Fuq il-ħsara tal-Victoria Lines tal-Works għandhom imorru nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2016 fuq il-post.

**29/05/09** Rigward il-proposta li saret mill-Ministeru ta' Onor. José Herrera rigward il-Kampanja 'Tree for you' il-Kunsill jaqbel diment li kemm il-manutenzjoni kif ukoll it-tisqija tas-sigar tkun f'idejhom inkellha ma ghandhix tintlaqa din il-proposta.

**29/05/10** Ġie deċiż li jekk il-proġett tal-MAG jiġi aċċettat il-Kunsill jista' jagħmel ġnien żgħir f' Triq Għaxqet l-Għajn ħdejn is-Searchlight Battrey. Ghandna inkellmu lill-Perit Chris Grech li kien diga hadem fuq progett simili ta' Gnien tal-Ponta.

**29/06 Ilmenti u Suġġerimenti**

**29/06/01** Talba għal mera faċċata ta' St. Mark's House fi Triq San Ġwann. Ġie deċiż li ssir *site-visit* pero jekk jinstab li din hi ghal skopijiet privati ghandha issir minn min ghamel it-talba

**29/06/02** Talba għal iktar *Speed Limits* fi Triq Santa Katerina. Ma kienx hemm qbil fuq din.

**29/06/03** Ilment biex isiru *double yellow lines* għax qed jipparkjaw il-karozzi u ma jkunx jista' jdaħħal u joħroġ il-karozza. Il-garaxx jinsab fi Triq Fra D. Mifsud quddiem il-flats il-ġodda. Kien hemm qbil li ssir kaxxa safra quddiem il-garaxx.

**29/06/04** Dahal ilment biex tiżdied biċċa mill-*junction box* ta' Triq San Nikola sabiex tiġi fuq il-biċċa ta' wara tal-kaxxa s-safra li hemm quddiem il-garaxx. Ġie deċiż li titneħħa l- *junction box* filwaqt li titwal il-bankina.

**29/06/05** Suggeriment biex fi Triq Ferdinand isiru xi forma ta' *traffic calming measures.* Ma kienx hemm qbil fuq din peress li diga hemm traffic hump.

**29/06/06** Is-Sur Ġiljan Aquilina talab li titneħħa kaxxa safra fi Triq San Ġwann ħdejn l-Sprayer peress li qeda perikoluża. Ġie deċiż li din it-talba tintlaqa u minflok isir *double yellow line.*

**29/06/07** Is-Sur Ġiljan Aquilina talab li tinxtara bandiera ta' Ħal Għargħur. Kien hemm qbil li tigi mitluba stima.

**29/06/08** Is-Sur Mark Azzopardi talab li jerġa' jsir refreshing tal-markings ta' Triq F. Zarb. Dan ġie

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

approvat.

**29/06/09** Is-Sur Christopher Fenech ressaq talba sabiex fil-Pjazza jkun hemm reserved parking ieħor għal persuni b'diżabilità. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma' din it-talba peress li fil-Pjazza l-ispazju diġà huwa limitat u diga hemm spazju riservat.

**29/06/10** Is-Sur Mario Gauci talab li jiżdied spazju ta' parking fil-Pjazza k/m Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Kien hemm qbil.

**29/07** **Korrispondenza**

**29/07/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**29/07/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**29/07/03** Ġiet innutata Ċirkulari 30/2016 – Ilmenti mressqa quddiem Servizz.Gov

**29/07/04** Kien hemm diskussjoni rigward it-talba mis-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew sabiex il-Kunsill jidħol bi 'sħab' magħhom fl-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' Keep Fit, Aerobics, Yoga u Zumba għan-nisa. Il-Kunsill unanimament iddecieda li ma jilqax din it-talba.

**29/07/05** Ġie innutata korrispondenza mill-AFM rigward taħiġ fl-inħawi tal-Għargħur.

**29/07/06** Kien hemm diskussjoni fuq il-Kampanja *Tree for you.* Il-Kunsill ma jaqbilx li l-manutenzjoni ta' siġar tkun taqa' taħt il-Kunsill.

**29/07/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**29/07/08** Ġiet innutata korrispondenza li bagħat il-Kunsill lil TM rigward talba għal *crash barrier* fi Triq Santa Katerina.

**29/07/09** Il-Kunsill innota l-korrispondenza fuq ir-resurfacing ta' parti mit-Triq l-Indipendenza.

**29/07/10** Kien hemm diskussjoni fuq *issues* li ħarġu waqt l-Audit ta' sena l-oħra. Għandha ssir laqgħa mal-Accountant tal-Kunsill peress li ċerta affarijiet għadhom mhumiex ċari.

**29/07/11** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinj. Tanya Mercieca rigward il-Mid-Term Audit. Għandha tintbagħat ittra-e sabiex jinbeda l-proċess.

**29/07/12** Ġiet innutata korrispondenza fuq l-*Interreg VA Italia-Malta Programme* (2014-2020).

**29/07/13** Il-Kunsill innota d-Direttiva Numru 4/2016 dwar ix-Xandir Soċjali (*Social Media*) fil-Kunsilli Lokali.

**29/07/14** Kien hemm diskussjoni rigward ilmenti fuq is-*school shepherding*. Għandha tintbagħat ittra-e lil LESA fuq din il-kwistjoni. Ghandna ukoll niproponu lill-Ministru tal-edukazzjoni li jinfetah access ghal iskola minn Gnien il-Paci biex tizdied is-sigurta tat-tfal.

**29/07/15** Ġiet innutata korrispondenza mingħand The Malta Rabbit Club. Is-Sindku għandu jistedinhom għal waqt l-attività Milied fil-Pjazza.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**29/07/16** Kien hemm qbil li tiġi aċċettata stima minn The Lighthouse Keepers Ltd għal speed bump fi Triq Caravaggio.

**29/07/17** Ġiet innutata korrispondenza mingħand is-Sur Sean Brennan rigward talba sabiex il-Kunsill jipprovdi post fejn jistgħu jsiru l-fitness classes matul ix-xitwa. Kien hemm qbil li ngħidu lis-Sur Brennan jagħmel kuntatt mal-Kappillan Fr. Christopher Galea forsi jkun lest jikrilu post.

**29/07/18** Kien hemm diskussjoni fuq l-ilment ta' Ms. G de Cesare fuq l-*overflow* tal-ilma li qiegħed jikkawża ħafna ħsara. Ms. G de Cesare għandha tibgħat rapport fuq dan il-każ.

**29/07/19** Il-Kunsill innota ċ-Ċirkulari Numru 32/2016 fuq il-Petty Cash.

**29/07/20** Il-Kunsill innota ċ-Ċirkulari Numru 33/2016 fuq l-Assigurazzjoni tal-Assi.

**29/07/21** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**29/07/22** Kien hemm qbil li tiġi aċċettata it-talba ta' Sinj. Gauci li jsir *filming* fil-Għargħur bħala parti mill-proġett tal-ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet tal-V18.

**29/08** **Materji Oħra u Mistoqsijiet**

**29/08/01** Is-Sur Ġiljan Aquilina ppreżenta kemm il-pjanti kif ukoll il-konferma min-naħa tal-BOV fuq l-ATM. Peress li l-Kunsill ser jiffinanzja ammont sostanzjali sabiex tinbena u titlesta l-kamra li fiha ser ikun hemm l-ATM gie deciz li ghandu jsir ftehim mal-BOV fejn il-bank jintrabat li jibqa joffri s-servizz tal-ATM għal numru ta' snin. Is-Sindku għandu jġib stima ta' kemm ser jiġi jiswa s-*security door*.

**29/08/02** Is-Sur Christopher Fenech ippropona li niktbu li Street Naming Committee sabiex is-Sqaq magħruf bħala 'tal-Fusinu' jingħata isem u ssir tabella.

**29/08/03** Is-Sur Christopher Fenech informa lill-Kunsill li l-ġibjun ta' Ġnien il-Paċi żvojta għaldaqstant ippropona li nġibu *bowser* daqsxejn kbir. Kien hemm qbil unanimu. Ippropona wkoll li niktbu li Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex isir *culvert* ghal gol-gibja fi Triq San Nikola peress li triq qed iżżomm ħafna ilma u b'hekk jista jintuza ghat-tisqija ukoll. Kien hemm qbil unanimu wkoll.

**29/08/04** Is-Sur Christopher Fenech informa lill-Kunsill li hemm konkorrenza tajba għal ġita ta' Sqallija. Barra minn hekk madwar 40 ruħ inkitbu sabiex jattendu għal ħarġa sa *The Limestone Heritage* ġewwa s-Siġġiewi.

**29/08/05** Is-Sur Christopher Fenech informa lill-Kunsill li waqt l-attività "Wasal il-Milied" ħa jieħdu sehem il-kor tat-tfal kif ukoll korijiet oħra. Kien hemm qbil fuq dan.

**29/08/06** Is-Sur Christopher Fenech ippropona li jinxtraw żewġ ciottoli kif ukoll qasrija. Kien hemm qbil fuq dan.

**29/08/07** Is-Sur Carl Grech informa lill-Kunsill li se jsir Coffee Morning fix-xahar ta' Novembru. Informa wkoll li t-tilqima ħa tingħata nhar is-Sibt, 12 ta' Novembru 2016. Is-Sur Grech ippropona li l-Party tal-Milied tal-Anzjani jsir fis-sala tal-Każin tal-Banda. Kien hemm qbil fuq dan.

**29/08/08** Is-Sur Mark Azzopardi ppropona li jsir ktieb li jkun jikkonsisti minn stejjer mir-raħal fuq personaġġi Għargħurin, laqmijiet, ħwienet li kien hawn fil-passat u bosta affarijiet oħra. Ippropona wkoll li jkun jinkludi ritratti antiki. Is-Sur Mark Azzopardi għandu jġib stima. Kien

hemm qbil unanimu wkoll.

**29/09** **Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report* – Settembru 2016**

**29/09/01** Il-Kunsill unanimament qabel li jsiru xi tibdiliet żgħar u li wara s-SE, għandha tibgħat il-*Quarterly Financial Report* – Settembru 2016 lid-DLG u ttellgħa kopja tiegħu fuq il-website.

**29/10** **Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**29/10/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**29/11** **Aġġornament**

**29/11/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-7:40p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 21 ta' Novembru 2016 fis-6:00p.m.

| | |
|---|---|
| **Ġiljan Aquilina** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |